

32002R1824

L 277/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.10.2002

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1824/2002
tat-8 ta' Ottubru 2002**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti awtonomi Komunitarji tat-tariffa għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Kunsill fetaħ, bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 2505/96 ⁽¹⁾, kwoti Komunitarji tat-tariffa għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali. Ħtieġa tal-Komunità għall-prodotti msemmija għandha tintlaħaq taħt il-kondizzjonijiet l-aktar favorevoli. Kwoti Komunitarji tat-tariffa għandhom għalhekk jinfetħu fi skali ta' dazju zero għal volumi xierqa mill-1 ta' Lulju 2002, waqt li jiġi evitat xi tfixkil għal dawn il-prodotti.

- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 2505/96 għandu għalhekk jiġi emendat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tat-tariffa mniżżla fl-*Anness ma'* dan ir-Regolament għandhom jiżdiedu ma' l-*Anness I* tar-Regolament (KE) Nru 2505/96.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-8 ta' Ottubru 2002.

Għall-Kunsill

Il-President

T. PEDERSEN

⁽¹⁾ ĠU L 345, tal-31.12.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1578/2002 (ĠU L 236, ta' l-4.9.2002, p. 3).

L-ANNEX

Nru fl-Ordni	Kodiċi NM	Kodiċi tat-TARIC	Deskrizzjoni	Ammont ta' kwota	Dazju tal-kwota (%)	Perjodu tal-kwota
09.2610	ex 2925 20 00	20	(Chloromethylene) dimethyl-ammonium chloride	25 tunnellata metrika	0	1.7.2002 sal -31.12.2002
09.2976	ex 8407 90 10	10	Magni tal-petrol <i>four-stroke</i> ta' ċilindru ta' kapaċità mhux aktar minn 250 cc, għall-użu fil-fabbrikazzjoni ta' magni li jqarwsu li ħaxix (<i>lawnmowers</i>) tas-sottointestatura 8433 11 ^(e)	650 000 unitajiet	0	ta' l-1.7.2002 sat-30.6.2003

^(e) Kontroll ta' l-użu għal dan il-għan speċjali għandu jitwettaq skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità.